# Tmenin Sena ta' Ħidma Mużewmina fil-Qrendi

**Tagħrif miġbur minn Salvu Mallia**

Qabel ma twaqqaf il-M.U.S.E.U.M fil-Qrendi kienu jsiru xi laqgħat minn xi superjuri fil-Kappella tas-Salvatur. Ġużeppi Żammit kien jattendi għal dawn il-laqgħat u wara li kien jattendi fil-Qasam taż-Żurrieq tħajjar jidħol Soċi, fil-fatt kien ġie inkorporat fil-Milied tas-sena 1929. Huwa beda jieħu miegħu xi żgħażagħ oħrajn u meta fl-1930 l-interess kiber biżżejjed, il-Kappillan Dun Manwel Micallef tahom permess li jiltaqgħu fil-Kappella ż-żgħira ta' San Mattew. Billi dan il-post ma kienx adegwat, Ġanni Balzan li kien serva ta' Kaxxier taċ-Circolo Maria Assunta fl-1914 kien silifhom kamra mid-dar tiegħu li kienet f'numru 49, Triq il-Kbira fejn hemm il-Kunvent tas-Sorijiet Franġiskani.[1] Minn din id-dar kienet ħarġet l-ewwel purċissjoni tal-Milied.

Wara dan, il-membri tal-M.U.S.E.U.M. bdew jiltaqgħu fid-dar numru 9, Triq il-Kurat Mizzi. F'Mejju tas-sena 1931 twaqqaf il-Qasam tal-Qrendi u dan kien l-24 wieħed. Fil-Milied ta' dik is-sena daħlu 8 Soċi ġodda u n-numru ta' tfal li kienu jattendu kien qrib il-200. L-ewwel Superjur kien Emanuel Farrugia u dan dam f'din il-kariga 20 sena. Billi ma kellhomx kurċifiss, Rajmond Ellul, wieħed mill-Fundaturi taċ-Circolo Maria Assunta u wara maħtur bħala d-disa' President (1937 – 1944) tal-istess Circolo[2], ordna wieħed u dan tbierek fuq iz-zuntier tal-Kappella tas-Salvatur fejn twassal b'purċissjoni sal-Parroċċa.

San Ġorġ Preca kien iżur il-M.U.S.E.U.M. tal-Qrendi meta kien għadu fi Triq il-Kurat Mizzi u kien jagħti xi lezzjonijiet lit-tfal tal-Qrendi. Billi fit-Tieni Gwerra Dinjija l-Qrendi kien imtela' bir-refuġjati, żewġ familji kienu ġew alloġġjati fil-Mużew u s-Soċi baqgħu jużaw biss il-kappella għat-tagħlim. Biss fl-1942 din id-dar ġiet ċeduta lill-Patrijiet Tereżjani li kienu ġew trasferiti minn Bormla wara li l-kunvent tagħhom kien twaqqa' bil-bombi. B'hekk il-M.U.S.E.U.M. ġie trasferit fil-Kampnar tal-Knisja fejn dan ukoll kien ġralu l-ħsara bil-blast ta' bomba li kienet splodiet fejn illum hemm l-Iskola Primarja Filippo Żammit. F'dan il-perjodu l-M.U.S.E.U.M. kien jiltaqa' fi Triq il-Knisja.[3] Wara li spiċċat il-Gwerra, il-Patrijiet kienu reġgħu marru lura Bormla u l- M.U.S.E.U.M. reġa' ħa postu.

Aħbar ħażina kienet dik meta fl-1948 il-Mużew fi Triq il-Kurat Mizzi kien inxtara minn sid ġdid u dan talab lis-soċi biex joħorġu minn dak il-lok. B'hekk il-M.U.S.E.U.M. reġa' spiċċa fil-kmamar tal-kampnar tal-Knisja. Billi t-tfal kienu żdiedu kienu jitgħallmu fil-garigor tal-istess kampnar. Fl-1951 ex-Soċju tal-M.U.S.E.U.M, Saver Farrugia ta' b'kera dar li kienet fi Triq it-Torri. Din kienet dar kbira u t-tagħlim reġa' beda jsir b'aktar kumdità. Biss wara 6 xhur is-sid riedet il-post lura imma billi kien sar kuntratt tal-kera din ma setgħetx tkeċċihom qabel 8 snin. Fl-1952 is-Superjur Emanuel Farrugia intagħżel biex imur l-Indja fl-*Indian Mission of Jhansi* biex jistudjaw ħalli jsiru saċerdoti missjunarji. Għal din l-okkażjoni, fis-6 ta' Frar 1952 l-Każin Santa Marija għamel festin lis-Superjur bħala ringrazzjament. Dan kien beda fit-8pm u kienu ġew mistiedna l-Kappillan Enrico Mahoney, il-Qassisin Dun Mattew Magro u Rajmond Ellul flimkien ma' ħafna membri tas-Soċjetà. Sar daqq tal-*Ave Maria* minn Edward Borg bl-armonju u Nazzareno Mifsud bil-klarinett filwaqt li kanta John Borg. Eżatt wara l-*Ave Marija*, il-President France Bugeja qam minn postu u għamel diskors fuq iċ-ċirkustanza. Fl-aħħar ta rigal lis-Superjur li kien jikkonsisti f'*Fountainpen* u *Fountainpencil*. Emanuel Farrugia għamel diskors ta' ringrazzjament u wara tkellem il-Kappillan Mahoney. Il-festin spiċċa billi sar trattament lill-mistednin.[4]

Wara t-tluq tas-Superjur Farrugia, Ġużeppi Żammit ġie maħtur bħala t-tieni Superjur tal-Qasam. F'Lulju 1954 waqt Sajda Mużewmina ingħatat l-aħbar li qabel ma' jgħaddi ż-żmien li kien fadal biex jitilqgħu 'l barra mid-dar fejn kienu, kien se jsir sforz biex jinbena M.U.S.E.U.M. ġdid. Il-poplu ġeneruż tal-Qrendi beda jikkontribwixxi imma l-akbar aħbar waslet fl-aħħar ta' Settembru 1954 meta l-istess Rajmond Ellul (l-Imgħallem) li semmejt qabel u li kien missier Dun Rajmond Ellul offra biċċa art b'sitt qasab u nofs faċċata fi Triq il-Ħniena bla ħlas sabiex fuqha jinbena ċ-ċentru l-ġdid. L-ewwel ġebla tbierket mill-Kappillan Nerik Mahoney fl-10 ta' Lulju 1955.

L-ewwel saqaf tal-ewwel klassi li nbniet ingħata fis-7 ta' Jannar 1956. B'ħeġġa kbira x-xogħol baqa' għaddej u fl-10 ta' Lulju 1957 sar il-ftuħ taċ-ċentru. Fiċ-ċerimonja kienu ħadu sehem il-Kappillan Dun Nerik Mahoney flimkien ma' Dun Raymond Ellul u Dun Mattew Magro. Aktar 'il quddiem, kien sar tpartit ta' xi art sabiex tkun tista' tinbena kappella fuq in-naħa ta' ġewwa tal-M.U.S.E.U.M. Il-Kappella nbniet b'24 pied wisa' 52 pied tul u bi 22 filata għoli. Din il-Kappella tlestiet u tbierket fl-1 ta' Novembru 1964 mill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Isqof Galea fil-preżenza tal-Kappillan Dun Salv Fenech.

Fl-1965 Ġużeppi Żammit kellu jieqaf minn Superjur minħabba saħħtu u minfloku ġie maħtur Luigi Pace.

Episodji oħra importanti ġraw f'Jannar 1973 meta Joe Bugeja li kien diġà jgħallem lit-tfal fil-M.U.S.E.U.M. ingħaqad mal-Ordni tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali. Huwa ġie ordnat Saċerdot fis-6 ta' Ġunju 1980. Fl-1974 Emanuel Agius u Charles Pace daħlu bħala seminaristi. Emanuel Agius ġie ordnat Saċerdot fil-11 ta Lulju 1981 u llum huwa d-Dekan tal-Fakultà tat-Teoloġija fil-Università ta' Malta filwaqt li Charles Pace huwa l-Kap tal-Iskola Primarja tal-Qrendi. Ta' min isemmi lil Alfred Micallef li kien jattendi wkoll fil-M.U.S.E.U.M. tal-Qrendi u wara sar Qassis u llum joqgħod Birżebbuġa.

F'Ġunju 1979 beda jinbena s-sular ta' fuq tal-M.U.S.E.U.M. Ix-xogħol ġie sorveljat mis-Superjur Luigi Pace. Il-bini ħa anqas minn sena. Waqt dan ix-xogħol Luigi Pace wera' x-xewqa li jitnaqqaslu l-inkarigu ta' Superjur sabiex ikun jista' jlaħħaq mal-impenji tiegħu. Minfloku nħatar Lippu Spiteri li dam Superjur sas-sena 1988. Fl-1986 kien sar ftehim maż-żewġ baned tal-Qrendi sabiex dawn jalternaw kull sena biex jakkumpanjaw fil-purċissjoni tal-Milied li jorganizza l-M.U.S.E.U.M. Fl-1987 miet is-Superjur Onorarju Ġuzeppi Żammit li barra x-xogħol tat-tagħlim kien magħruf għall-bambini sbieħ li kien jaħdem. Warajh miet Pietru Spiteri li ħalla din id-dinja fit-22 ta' Ottubru 1988. Kien żmien li bdew jitnaqqru wieħed wara l-ieħor lis-Soċi xjuħ u fil-fatt fl-1989 miet Carmelo Ellul li kien magħruf għall-kuruni tar-Rużarju li kien jagħmel. Huwa kien ħalla Lm2,000 għall-bini tal-M.U.S.E.U.M. Bħalma semmejt, f'Mejju 1988 John Camilleri nħatar is-Superjur tal-Qasam. Fl-1990 tkompla x-xogħol tal-bini tal-parti ta' fuq tal-faċċata fuq stil Doriku.

Fl-1993 miet is-Soċju Ġiġi Vella li kien jgħallem fil-Qasam taż-Żurrieq. Fl-1994 kien hemm bidla fit-tmexxija fejn inħatar Vincent Bartolo bħala Superjur. F'Novembru 1998 miet l-ex-Superjur Emanuel Farrugia li kien għamel 21 sena Superjur. Fl-2001 inħatar Charles Farrugia bħala Superjur u fl-istess sena ġie ċċelebrat is-60 Sena minn meta Luigi Pace nkorpora bħala Soċju. Fil-21 ta' Novembru 2002, Luigi Pace għadda għall-ħajja ta' dejjem. Huwa rnexxielu jara l-bini tal- M.U.S.E.U.M. jitlesta'.

F'din is-sena qed jiġi mfakkar it-80 sena mill-ftuħ ta' dan il-Qasam li minnu ħareġ tant ġid spiritwali fost iż-żgħażagħ tal-Qrendi. Jalla dan iċ-ċentru ta' tagħlim reliġjuż jibqa' jiffunzjona u jaqdi l-missjoni li għaliha twaqqaf minn San Ġorġ Preca.

**Referenzi**


[1] Rev. Dun Rajmond Ellul, Il-Parroċċa tal-Qrendi f'Għeluq it-350 Sena (Veritas Press) – Żabbar 1968, p.14

[2] Martin Formosa, Ġrajja ta' 100 sena tas-Soċjetà Mużikali Santa Marija, Qrendi (Best Print Ltd., Qrendi) 2008), p.13

[3] Rev. Dun Rajmond Ellul, Il-Parroċċa tal-Qrendi f'Għeluq it-350 Sena (Veritas Press) – Żabbar 1968, p.14

[4] Martin Formosa, Ġrajja ta' 100 sena tas-Soċjetà Mużikali Santa Marija, Qrendi (Best Print Ltd., Qrendi 2008), p.72

Tgħarif miġbur mill-ktieb, Tifkiriet fil-M.U.S.E.U.M. tal-Qrendi 1929 – 2002, LUIGI PACE (Best Print Ltd., Qrendi 2003)



